117239/EU XXV. GP
Eingelangt am 03/10/16

Council of the
European Union

**Brussels, 3 October 2016**

**12157/16**

**JUR 449**

**LEGISLATIVE ACTS AND OTHER INSTRUMENTS: CORRIGENDUM/RECTIFICATIF**

| | |
|---|---|
| Subject: | Council Decision 94/184/EC of 24 January 1994 concerning the conclusion of an Agreement between the European Community and Australia on trade in wine<br>(OJ L 86, 31.3.1994, p. 1) |

LANGUAGE concerned: **MT**

PROCEDURE APPLICABLE according to the Council Statement of 1975.
(The procedures are explained in Council document 5980/07 JUR 49, available in the official languages, together with a translation of the structure of this cover page.)

— Procedure 2(b) (obvious errors in one language version)

TIME LIMIT for the observations by the Member States: 8 days

Any observations regarding this corrigendum should be notified to the Legal Service (DQL Rectificatifs): secretariat.jl-rectificatifs@consilium.europa.eu



www.parlament.gv.at

**ANNESS**

**RETTIFIKA**

**tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/184/KE dwar il-konklużjoni u l-firma tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja dwar il-kummerċ tal-inbid**

(*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 86, tal- 31 ta' Marzu 1994*)
*(Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 03 Volum 016 P. 47)*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/184/KE għandha taqra kif ġej:

**"DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**tal-24 ta' Jannar 1994**

**dwar il-konklużjoni u l-firma ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja dwar il-kummerċ tal-inbid**

**(94/184/KE)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mil-Kummissjoni,

(1) Billi l-konklużjoni tal-Ftehim innegozjat bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja dwar il-kummerċ tal-inbid ser jiffaċilita u jippromwovi l-kummerċ fl-inbid bejn il-Partijiet Kontraenti; billi għaldaqstant ikun tajjeb li l-Ftehim imsemmi jiġi approvat;

(2) Billi, sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata tagħmel il-aġġustamenti tekniċi neċessarji



www.parlament.gv.at

f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 83 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 822/87 tad-19 ta' Marzu 1987 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid1;

(3) Billi, minħabba li d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim huma direttament marbutin ma' miżuri koperti mill-politika agrikola komuni, u speċifikament mar-regoli Komunitarji dwar l-inbid u l-vitikoltura, dan il-Ftehim jeħtieġ li jiġi stabbilit fuq livell Komunitarju,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja dwar il-kummerċ tal-inbid u l-Protokoll u l-iskambji ta' ittri annessi miegħu huma b'dan approvati f'isem il-Komunità Ewropea.

It-test tal-atti msemmijin fl-ewwel paragrafu huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna bis-setgħa li tiffirma l-Ftehim sabiex tintrabat il-Komunità u li tiddepożita l-istrument ta' approvazzjoni mill-Komunità.

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 28(1) tal-Ftehim.

*Artikolu 3*

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) tal-Ftehim, il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata li tikkonkludi l-atti neċessarji li jemendaw il-Ftehim, f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 83 tar-Regolament (KEE) Nru 822/87.

*Artikolu 4*

Il-Kummissjoni, assistita mir-rappreżentanti tal-Istati Membri, għandha tirrappreżenta l-Komunità fil-Kumitat Konġunt imwaqqaf mill-Artikolu 18 tal-Ftehim.

---

[1] ĠU L 84, 27. 3. 1987, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1566/93 (ĠU L 154, 25. 6. 1993, p. 39).


www.parlament.gv.at

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Jannar 1994.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. MORAITIS

".